**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 20 tas-Sitt Leġislatura
# Illum il-Tlieta, 9 ta' Novembru 2010

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali, li saru nhar is-Sibt 6 ta' Ġunju 2009, ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Komunikazzjonijiet*
4. *Tenders (Resurfacing ta' Toroq bil-PPP, provista ta' Konkrete u Manteniment tal-Latrini Pubblici)*
5. *Festival Toghmiet Xitwin*
6. *Progett Biolmed – Konferenza f' Cordoba*
7. *Kungress tal-UDITE fi Strasbourg ghas-Segretarji Ezekettuvi*
8. *Affarijiet Mixxellanji*

**PREŻENTI**

Kienu preżenti s-Sindku Paul Vella, il-Vici-Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said u s-Segretarju Ezekuttiv, Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku Paul Vella.

**MINUTI**

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

*Punti Mill-Minuti*

1.2 Is-Sindku nforma li wara taħditiet u korrispondenza elettronika mal-Ministru Hon. Austin Gatt, kien qiegħed jipproponi li l-Kunsill ma jibqgħax joġġezzjona il-linji ġodda ta' l-iżvillupp fi Triq Ġorġ Zammit. Dan peress li ma kien jeżisti l-ebda' proġett fejn din iz-zona tiġi nkluża f' *by-pass*. Il-Kunsill qabel unaninimament ma' din il-proposta.

**2 Korrispondenza**

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

2.2 Ġiet innutata l-korrispondenza segwenti :

- ċirkolari tal-AKL dwar karta ta' identifikazzjoni għall-kunsilliera;
- ċirkolari dwar il-laqgħa anwali tal-Kunsilliera;
- ittra mingħand residenti fejn saret talba għad-dwal fi Triq Ramiro Cali';
- ittra mingħand Bonnici Brothers;
- korrispondenza mingħand l-EUPU dwar laqgħa dwar il-*Youth Exchange*;
- proposta biex titkompla tinxtara il-Kullana Kulturali;
- kwotazzjoni għal-Djarji;
- kwotazzjoni għal-business card tas-Segretarju Eżekuttiv.

## 3 Komunikazzjonijiet

3.1 Il-Kunsill innota numru ta' komunikazzjonijiet oħra.

## 4 *Tenders*

4.1 It-*tender* għall-Indafa u manteniment tal-latrini pubbliċi ġie analizzat u mqabbel ma' dak li l-Kunsill qiegħed iħallas preżentement. L-offerti mitfugħa huma ferm għola u jkun prattikament impossibli li jiġi onorat bil-budget attwali. Għalhekk ser tintalab direzzjoni mid-Dipartiment biex isir pjan kif l-aħjar li jsir f' dan l-istadju.

4.4 Dwar it-tenders tal-provizzjoni tal-Konkrete u tal-PPP, qiegħed isir analizi dettaljat mill-perit u dan għandi jiġi sottomess lill-Kunsill fil-ġranet li ġejjin.

## 5 Festival Togħmiet Xitwin

5.1 Il-Kunsill qabel li jinġabru stimi għal-kiri ta' tined kbar għal din l-attivita'.

5.2 Wara it-talba biex nirċievu fondi dwar din l-attivita', il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda' nformazzjoni, iżda din suppost tasal dalwaqt.

5.3 Il-Kunsilliera Eman Vella u Clayton Gauci ser jagħmlu laqgħat mas-sidien tal-postijiet tal-ikel li ser jipprovdu l-ikel fl-attivita'. Ser isiru wkoll laqgħat ma Ms Maria Elena Zammit biex jitwaqqaf stand taħt it-tinda biex tingħata informazzjoni dwar il-postijiet ta' importanza arkeoloġika fl-Imġarr.

5.2 Se jittellgħu stands ukoll dwar il-proġetti tal-Kunsill bħalma huma il-Biolmed u c-Cypfire.

5.3 Qed isiru arranġament biex il-knisja parrokkjali tibqa' miftuħa matul l-attivita'.

**6 Proġett Biolmed**

6.1 Is-Sindku nforma li rappreżentazzjoni mil-Kunsill ġiet mistiedna biex titla' Cordoba, Spanja għal-Kungress tal-Proġett tal-Biolmed. Sar qbil fejn għal din l-attivita' ser imorru is-Sindku nnifsu flimkien mas-Sur Saviour Cremona.

**7 Kungress tal-UDITE fi Strasbourg għas-Segretarji Eżekuttivi**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li attenda il-Kungress tal-Udite li sar fi Strasbourg, Franza. Espona l-fatt li dan il-kungress għenu biex jiftaħ aktar iċ-ċirku ta' nies fl-istess posizzjoni tiegħu kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak internazzjonali.

**8 Affarijiet Mixxellanji**

8.1 Is-Sindku informa li fil-Ġnejna kien sar xogħol minn Lawrence Bugeja li neħħa l-ħamrija fejn kien jinġabar l-ilma. Din il-ħamrija intużat fi Triq il-Karamelli;

8.2 Is-Sindku nforma wkoll li kienu ingħataw 5 metri konkos fi triq f' Tas-Santi peress li din it-triq kienet inqasmet u kien hemm bżonn urġenti ta' manutenżjoni;

8.3 Eman Vella informa li kien ġie nnominat biex iservi bħala membru fil-GAL (Gruipp Azzjoni Lokali);

8.4 Eman Vella informa li d-data tal-għeluq għas-sottomissjonijiet biex jidhru fil-pubblikazzjoni Il-Miġbħa kienu jgħalqu fit-13 ta' Novembru u għalhekk talab il-kooperazzjoni ta' kulħadd;

8.5 Eman Vella nforma wkoll dwar il-*Fun Walk & Run* li ser issir il-Ħadd 28 ta' Novembru madwar l-inħawi ta' Binġemma u tas-Santi. Semma li kienu qed isiru t-tħejjijiet neċċessarji dwar il-promozzjoni ta' din l-attivita' b' risq il-Malta Community Chest Fund;

8.6 Is-Sindku informa li fis-27 ta' Novembru, Francoise Tempera kienet ser ittella' esibizzjoni ta' l-arti tal-artista Franċiża, Michelle Peugeot. Il-Kunsill qabel li jsiru drinks għall-din l-okkazjoni.

8.7 Ġie deċiż li jintrama l-armar tal-Milied hekk kif kien sar fis-snin l-imgħaddija, mingħajr ma jinżdied xejn. L-armar ser isir fi Triq Fisher biss;

8.8 Ġie deċiż ukoll li fit-12 ta' Diċembru, bħalma sar fis-snin l-imgħaddija, jitqassmu *hampers* lin-nies b' diżabilita';

8.9 *Ġieħ l-Imġarr* ser jitella' fis-6 ta' Frar 2011;

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

8.10 Clayton Gauci informa li kienet ser issir *Hill-Climb* tal-karozzi. L-applikazzjoni kienet ser tasal għand il-Kunsill fil-ġranet li ġejjin;

8.11 Is-Sindku ppropona li ssir *crash-barrier* fit-tarf tat-triq li twassal lejn Fomm ir-Riħ, peress li din it-triq tispiċċa b' mod perikoluż, speċjalment fid-dlam. Il-Kunsill approava din il-proposta;

8.12 Clayton Gauci rrapporta li żewġ arbli tad-dawn tal-injam kienu tqaċtu u kienu qegħdin fi stat perikoluż. Saret nota tagħhom biex dawn jitranġaw minnufih;

8.13 Clayton Gauci ukoll talab li tingħatalu lista tal-għaqdiet volontarji tal-lokalita' biex dawn ikunu jistgħu jiġu kkuntatjati biex jagħtu lista tal-attivitajiet proposti tagħhom għas-sena li ġejja;

8.14 Giovanni Gatt għamel proposta biex resident mil-lokalita' jiġi mressaq għall-unr ta' ġieħ ir-Repubblika.

8.15 Giovanni Gatt talab li ssir *zebra-crossing* fi Triq il-Banjijiet Rumani. Talab ukoll li iż-*żebra-crossing* fi Triq Sir Harry Luke ukoll terġa ssir;

8.16 Giovanni Gatt talab informazzjoni jekk hemmx il-ħsieb li l-estensjoni tal-uffiċċini amministrattivi kienux ser jinfetħu b' mod uffiċċjali. Is-sindku nforma li għalkemm ma jeskludix din il-proposta, għalissa ma kienx hemm il-ħsieb li dan iseħħ;

8.17 Giovanni Gatt staqsa jekk, fid-dawl li wara li ġi avviċinat il-Ministeru tas-Saħħa, kienx hemm il-ħsieb li dan il-Ministeru jieħu ħsieb id-dawl tal-inħawi taċ-Ċimeterju;

8.18 Is-Sindku informa li kienet ser issr żabra tas-siġar fi Triq Fisher u Triq il-Kbira;

**Aġġornament**

Il-laqgha ntemmet fit-7.55pm.

Is-Sindku sejjah laqgha ohra nhar il-Ħamis, 9 ta' Diċembru, 2010, fil-5.30pm.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku

# Kunsill Lokali Mgarr

From Date

To Date 09.11.2010

## Schedule of Payments to be confirmed on 9th November 2010

| Ref No | Payment | Description | Amount (€) | Account No. |
|---|---|---|---|---|
| 8554 | Michael Galea | Fuel for Council's Vehicle | 365.99 | |
| 8555 | Francis Galea | Iron for Barrier in Triq Santa Marija | 15.00 | |
| 8556 | Angelo Gauci | New Ext. - Marble Steps for Main Entrance | 590.00 | |
| 8557 | Frank Borg | Distribution of Flyers | 60.00 | |
| 8558 | Local Council's Association | 2009 / 2010 - Performance Rights Society | 36.00 | |
| 8559 | Corex | FSMA + Copies | 320.54 | |
| 8560 | Eyetech | Computer Maintenance | 196.18 | |
| 8561 | Colour Image | Yr 6 Farewell - Photo Printing | 184.08 | |
| 8562 | Environmental Landscape Cons. | July / Aug 2010 - Monthly Landscaping | 398.32 | |
| 8563 | ADI Associates | July / Aug 2010 - Monthly Mepa Monitoring | 200.78 | |
| 8564 | Mgarr Farmers Coop | Purchase of Roundup | 279.37 | |
| 8565 | 3D Distributors | Distribution of Flyers | 106.20 | |
| 8566 | Louis Padovani | Jan till June 2010 Sage Inputting | 1345.00 | |
| 8567 | Untours | Udite - Strasbourg | 222.00 | |
| 8568 | Melita plc | Hello Service | 24.12 | |
| 8569 | G4S Security Services | July / Aug / Sept - Cash in Transit | 83.71 | |
| 8570 | Cyprian Dalli | Udite - Expenses | 619.55 | |
| 8571 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8572 | Cyprian Dalli | Laptop Bag from Scan Computers | 19.90 | |
| 8573 | Colour Print | 250 A4 Vinyl Stickers (Tarmix Zibel Hawn) | 424.80 | |
| 8574 | Charles Grech | New Ext. - 10 Benches And Galvanizing of hand rail | 1189.03 | |
| 8575 | Guard and Warden | Services | 833.02 | |
| 8576 | Cleansing Dept. | July 2010 - Services | 581.88 | |
| 8577 | Add and Alt | Cancellation of cheque 8518 | 224.51 | |
| 8578 | CPI | Certificate 7 + retention fee | 2745.32 | |
| 8579 | Arms Ltd | Bills | 2817.22 | |
| 8580 | Smart Office | Stationery | 93.61 | |
| 8581 | Galea Curmi | July 2010 – Contract Management / Cons. Service MEUSAC / PPCD | 483.59 | |
| 8582 | Mary Abela | Cancellation of cheque 8546 | 1.20 | |
| 8583 | The Lighthouse Keepers | Maintenance on Street Lamps | 1020.88 | |
| 8584 | Hugh Arnett | Oct 2010 - Traffic Management Consultancy | 93.17 | |
| 8585 | Joanne Vella | Sept. 10 - Librarian Services | 46.64 | |

Approved on **09.11.10** 15621.61

Councillors : Maria Said

# Kunsill Lokali Mgarr

From Date 13.10.10 To Date 05.11.10

**Payments done but to be confirmed on 9th November**

| Ref No | Payment | Description | Amount (€) | Account No. |
|---|---|---|---|---|
| 8538 | PC Options | Purchase of Camera - Fuji Finepix JZ500 | 246.95 | |
| 8539 | Klikk Ltd | Purchase of Laptop - Acer Aspire Timeline X | 759.00 | |
| 8540 | AIM | Biol. Sept. conf. - Advert on Daily Papers | 597.91 | |
| 8541 | Archbishop's Seminary | Tastes of Europe - Lodging | 2881.00 | |
| 8542 | VZ Lines | Tastes of Europe - Transport | 1049.02 | |
| 8543 | Sunripe | Tastes of Europe - Factory Visit and Tokens | 100.00 | |
| 8544 | Victor's Bakery | Tastes of Europe - Factory Visit and Lunch | 75.00 | |
| 8545 | Vella Supermarket | Tastes of Europe - Food Workshops | 130.09 | |
| 8546 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8547 | Eclipse | Tastes of Europe - Stationery | 83.69 | |
| 8548 | J.G. Sports | Tastes of Europe - T-Shirts | 171.00 | |
| 8549 | John Mary Cauchi | Tastes of Europe - Fruit and Vegetables | 160.42 | |
| 8550 | Nancy Abela | Oct.10 - Office and Skorba Lattrines Cleaning Services | 489.25 | |
| 8551 | Skola Primarja | Gieh Mgarr - Use of Hall | 192.50 | |
| 8552 | Mgarr Local Council | Oct 10 - Petty Cash | 113.75 | |
| 8553 | Transport Malta | 50 Warden Clocks | 18.50 | |
| | | | | |
| | Administrative Staff | Oct.10 - Salaries | 3108.75 | |
| | Mayor | Oct.10 - Honoraria | 525.00 | |
| | Handymen | Oct.10 - Salaries | 2830.00 | |
| | | | | |
| | | | | |

Approved on **09.11.10** 13531.83

Councillors : Maria Said [signature]